**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2013**

| IL-ĦAMES SENA | IR-RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

Marka Totali

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** __________

## A. Agħżel it-tajba mill-parentesi (10 marki)

1. Il-ħajja tagħna hija bil-wisq (l-istess, iktar importanti, inqas, eħfef) minn dik tal-annimali.
2. Kull min għandu l-ħajja jrid (jinħasel, jorqod, jilgħab, jikber) u jinbidel.
3. Lilna l-bnedmin, Alla tana ħajja speċjali li tagħmilna (nixbhuh, nagħrfuh, narawh, nisimgħuh).
4. Il-bniedem jista' (imut, jiġġieled, igħix, jorqod) għax għandu lil Alla jieħu ħsiebu.
5. Fl-istejjer li naqraw fil-kotba tal-(Malti, Ingliż, Istudji Soċjali, Bibbja) naraw kemm Alla jrid jgħinna.
6. Ngħidu li Alla hu spirtu għax m'għandux (ħbieb, aħwa, ġisem, ruħ) bħalna.
7. Alla la għandu bidu u lanqas (tmiem, ħajja, mewt, ġisem) u għalhekk jibqa' għal dejjem.



8. Alla jinsab (fis-sema biss, kullimkien, fl-art biss, fil-ġenna).
9. Ngħidu li aħna ngħixu f'Alla bħalma (l-għasfura, n-naħla, l-kelba, l-ħuta) tgħix fl-ilma.
10. Il-Maltin ta' Żmien il-Ħaġar kienu jaduraw lil (Alla veru, Fargħun, mara ħoxna, Ġesù) u bnew ħafna tempji.

B. **Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.**
**Uża l-kliem li jinsab fil-kaxxa.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| it-tfal | Qares | qorq | Ġesse | meqruda |
| Tersaqx | Sultan | dwieli | imqaddsa | Għalqa |

a) *Alla lil Mosè*

"Mosè Mosè! ____________ aktar 'l hawn.

Neħħi l-____________ minn riġlejk għax il-post li qiegħed fih hu art____________."



b) *Alla lil Samwel*

"Mur id-dar ta' ____________ li joqgħod f'Betlehem, u għidlu jġib quddiemek ____________ kollha tiegħu.

Jien nurik lil min għażilt minnhom u inti idilku biż-żejt bħala ____________."



ċ) *Isaija lil-Lhud*

"Intom qiskom ____________ li l-Mulej għażel biex fiha jiżra' ____________ mill-aħjar; imma minflok għeneb tajjeb, intom tajtu għeneb ____________.

Jekk ma tibdlux ħajjitkom u ssiru tajbin tkunu ____________, bħalma n-nar jeqred il-ħaxix niexef."



**Ċ. Qabbel billi tikteb in-numri fil-kaxxa t-tajba.**
**Ara l-Eżempju.** **(10 marki)**

| KOLONNA A | | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| 1. | ***Waqt li kienu fid-deżert*** | | suldat daqs ġgant li kien imaqdar lil Alla. |
| 2. | L-Ispirtu s-Santu deher forma ta' ħamiema | | fuq il-muntanja Sinaj. |
| 3. | Il-profeta Samwel | | għanjiet forma ta' poeżija. |
| 4. | Is-salmi huma | | wied kbir mimli għadam niexef qoxqox. |
| 5. | Il-Fargħun ma riedx | | xitla tal-għollieq taqbad bla ma tinħaraq. |
| 6. | Il-profeta Isaija | **1** | ***il-Lhud kielu l-manna u s-summien.*** |
| 7. | Alla kellem lil Mosè minn | | dilek lil David bħala Sultan. |
| 8. | Il-Mulej wera lil Eżekjel | | iħalli lil-Lhud jitilqu mill-Eġittu. |
| 9. | David qatel b'ċagħka lil | | igħir għal David u pprova joqtlu. |
| 10. | Mosè rċieva l-kmandamenti | | għallem lin-nies kif jistennew lil Ġesù. |
| 11. | Is-sultan Sawl kien | | fil-magħmudija ta' Ġesù. |

**D. Kompli dan it-talb.** **(10 marki)**

i) L-_______________ t'Alla ħabbar lil _______________.

U hija saret _______________ mill-Ispirtu s-Santu.

Hawn hi l-_______________ tal-Mulej. Ikun

_______________ skont _______________.

U l-iben t'Alla sar bniedem.

U għammar fostna.



ii) Mulejja Alla tiegħi, Inti tħobbni ħafna, _____________ talli

għedtlek le bi _____________, mil-lum 'il quddiem bil-għajnuna

_____________ tiegħek ma nerġax nidneb iżjed u rrid inħobbok

fuq _____________.

**E. Semmi l-ħames okkażjonijiet ta' ferħ li niċċelebraw fil-Misteri tal-Ferħ.** **(5 marki)**

i) ________________________________________________

________________________________________________

ii) ________________________________________________

________________________________________________

iii) ________________________________________________

________________________________________________



iv) ________________________________________________

________________________________________________

v) ________________________________________________

________________________________________________

**F. Imla l-vojt b'kelma waħda.** **(10 marki)**



Alla għażel lil Marija biex tkun l-___________ ta' Ibnu Ġesù. Għalhekk sa mill-bidu nett ta' ħajjitha hija ma kellha l-ebda ___________. Aħna niċċelebraw il-festa tal-Immakulata _____________ biex niftakru f'dan u nifirħu magħha. Din il-festa tiġi ċċelebrata fil-Knisja fit-_____________ ta' _______________.

Marija kienet tmur tisma' l-kelma t'Alla fis-_______________ kull nhar ta' Sibt. Marija kienet għarusa ma' ______________ meta darba waħda dehrilha anġlu.



Dan qalilha, "Sliem għalik mimlija bil-_____________, il-Mulej miegħek. Int se jkollok iben u ssemmih Ġesù". L-anġlu qalilha wkoll li l-kuġina tagħha Eliżabetta kien se jkollha tifel.

Marija marret biex tgħinha u kif ratha, Eliżabetta qaltilha, "Imbierka inti fost in-____________ u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek".

Marija tgħallimna li għandna nkunu dejjem lesti li ____________ lil Alla u ngħinu lil min hu fil-bżonn.

## Ġ. Wieġeb VERU jew FALZ billi timmarka ✓ fejn suppost.

**(10 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Alla hu ħaj minn dejjem u ma jispiċċa qatt. | | |
| 2. | Mosè kien it-tifel il-kbir tal-Fargħun. | | |
| 3. | Fid-deżert Alla kien imexxi lil-Lhud b'kolonna tan-nar matul il-jum. | | |
| 4. | It-Testment il-Ġdid jibda minn meta Ġesù ġie fid-dinja. | | |
| 5. | Ix-xhur iddedikati lill-Madonna huma Ottubru u Mejju. | | |
| 6. | Sawl kien jaf idoqq l-arpa u jikteb is-Salmi. | | |
| 7. | Ġesù tgħammed fix-xmara Ġordan. | | |
| 8. | Aħna għandna naħfru biss lill-ħbieb tagħna. | | |
| 9. | Il-Kmandamenti t'Alla huma sebgħa. | | |
| 10. | L-Ispirtu t'Alla jgħinna nagħmlu kuraġġ biex inkunu tfal tajba. | | |



**G. Ikteb xi jrid Alla permezz ta' dawn il-kmandamenti billi tagħżel mil-lista li hemm fil-kaxxa. (10 marki)**

| |
|---|
| ngħidu dejjem il-verità. |
| nħobbu u nobdu l-ġenituri tagħna. |
| ma ngħirux għal min għandu xi ħaġa li m'għandniex bħalha. |
| nagħtu l-ogħla ġieh lilu biss għax Hu Alla tagħna. |
| ma npoġġux il-ħajja tagħna jew ta' ħaddieħor fil-periklu tal-mewt. |



1. Bil-kmandament "Ma jkollokx Alla ieħor għajri", Alla jrid li

 ______________________________________________.

2. Bil-kmandament "Agħti ġieh lil missierek u 'l ommok", Alla jrid li

 ______________________________________________.

3. Bil-kmandament "La toqtolx", Alla jrid li

 ______________________________________________.

4. Bil-kmandament "La tixhidx ħaġa b'oħra", Alla jrid li

 ______________________________________________.

5. Bil-kmandament "La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn", Alla jrid li

 ______________________________________________.

**Għ. Ikteb talba ta' ringrazzjament lil Ġesù Bambin biex turih il-ferħ tiegħek talli ġie fid-dinja bħala bniedem biex isalvana. (5 marki)**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________



**H: Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek.** **(10 marki)**

1. X'ġara meta l-Fargħun webbes rasu u ma riedx joħroġ lill-poplu Lhudi mill-Eġittu?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. X'għamlu l-Lhud biex l-anġlu tal-Mulej ma jġibx il-mewt tat-tifel il-kbir tal-familji tagħhom, bħalma ġara lill-Eġizzjani?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. X'għamel Mosè meta l-poplu t'Alla wasal fejn il-Baħar tal-Qasab?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. X'kien il-ftehim ta' ħbiberija li Alla għamel mal-poplu tiegħu permezz ta' Mosè fuq il-muntanja Sinaj?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Fejn kellhom jaslu l-Lhud wara l-mixja twila fid-deżert?

______________________________________________

______________________________________________

**Ħ. Ikteb 5 sentenzi dwar wieħed minn dawn.** **(10 marki)**



1. Is-Sultan David, l-akbar sultan tal-poplu t'Alla.

jew



2. Ikteb dak li taf dwar il-Profeta Eżekjel.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**